MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2011

Numru. 124/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Marthese Micallef**
**vs**
**Charles Cutajar**
**Kenneth Vassallo**
**Joseph Cutajar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Charles Cutajar sive Ciarlo ta' 40 sena, iben Dominic u Odette nee' Giacosa, imwieled Cospicua fit-18 ta' Mejju 1963 u li joqghod Hibiscus, Triq il-Qaliet, M'Scala u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 275063(M) u l-imputat Kenneth Vassallo, 31 sena, iben Anthony u Mary Anne nee Vella, imwieled Pieta fit-2 ta' Dicembru 1972 u li joqghod Flat 6, Blk H, Triq il-Lellux, Santa Lucia, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 524172(M) u l-imputat Joseph Cutajar ta' 32 sena, iben Carmel u Alfrida nee' Bonet, imwieled Pieta fl-10 ta'

Marzu, 1971 u li joqghod Hibiscus, Triq il-Qaliet, M'Scala, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 209571(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fil-Hamrun, u f'dawn il-gzejjer, fil-lejl ta' bejn 4 ta' Novembru 2002 u 5 ta' Novembru, 2002 :

1) Ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Fiat Bis 126, bin-numru IAZ 053, ghad-detriment ta' Mario Meilak mil-Hamrun, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2) Talli rendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula;

Lil Charles Cutajar wahdu :

3) Talli kiser kundizzjoni imposta lilu mill-Magistrat Dr N. Cuschieri LL.D. fejn hu kien gie misjub hati u liberat taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fil-perjodu ta' sentejn, liema sentenza iggib id-data tad-29 ta' Mejju, 2001;

Lil Joseph Cutajar wahdu :

4) Talli kiser kundizzjoni imposta lilu mill-Magistrat Dr A. Lofaro LL.D. fejn hu kien gie misjub hati u liberat taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fil-perjodu ta' sitt xhur, liema sentenza iggib id-data tat-22 ta' Mejju, 2002;

5) Ukoll talli kiser kundizzjoni ohra imposta lilu mill-Magistrat Dr J. Padovani LL.D. fejn hu kien gie misjub hati u liberat taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmen tlett snin, liema sentenza iggib id-data tas-26 ta' Ottubru, 2001;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Frar, 2004 (esebit *a folio* 24 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2008 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAZ 053 u tal-ghamla Fiat liema serq sehh fil-lejl bejn l-4 u l-5 ta' Novembru 2002 fi Triq Caruana Demajo il-Hamrun. Mill-provi rrizulta li sid il-vettura Mario Meilaq ipparkja l-vettura fl-imsemmija triq bejn it-8.00pm u t-8.30pm u meta mar lura ghall-vettura ghall-habta tal-11.30pm, ma sabhiex hemm u nduna li b'aljenazzjoni kien nesa c-cwievet fil-vettura. Meta Meilaq xehed quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, Peter Bonello[1], huwa spjega li l-ghada kien irceiva telefonata fejn qalulu li kienu raw il-vettura tieghu fil-pussess ta' wiehed isejhulu 'il-'Patatu' minn Bormla u meta huwa mar jaghmel rapport f'dan is-sens l-Ghassa ta' Bormla gie nfurmat li din il-persuna effettivament kienet tirrisjedi Wied il-Ghajn. Huwa ghalhekk iddecida li jmur ma ibnu Wied il-Ghajn u fit-triq li taghti lejn Wied il-Ghajn huwa ra l-vettura tieghu bi tlett persuni fiha izda ma kienx f'posizzjoni jaghraf lil dawn il-persuni. Huwa nforma lil Pulizija wara li ra lil dawn it-tlett persuni jipparkjaw il-vettura u jidhlu jixtru minn hanut. Mill-provi rrizulta li meta l-Pulizija waslet fuq il-post[2] huma sabu lill-imputat Charlo' sive Charles Cutajar fuq irkuptejh vicin il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAZ 053 qiesu qed jaqfel il-lazz u meta staqsewh x'kien qed jaghmel hemm huwa qalilhom li kien qed jistenna lil shabu li kienu qed jixtru minn hanut vicin. Meta gew shabu li kienu z-zewg imputati l-ohra fil-kawza odjerna l-Pulizija

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 11 tal-Process Verbal isnerit a fol. 13 tal-atti processwali.
[2] Ara xhieda ta' PC968 Mario Zammit li xehed fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2009 u x-xhieda ta' SM142 Jesmond Delia li xehed waqt l-dujenza tas-17 ta' Marzu 2010.

arrestawhom in konnessjoni mas-serq tal-vettura mertu tal-kawza odjerna.

Ikkunsidrat;

Illi t-tlett imputati rrilaxxjaw stqarrijiet[3] fejn huma ghazlu li ma jwegbux ghad-domandi li sarulhom. Huma ghazlu li ma jixhdux fil-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni ma rnexilhiex tipprova li l-imputati wettqu r-reat ta' serq tal-vettura in kwistjoni jew li kienu fil-pussess tal-vettura fil-mument li huma gew arrestati mill-Pulizija. Dan jinghad ghaliex mix-xhieda ta' PS968 u SM142 ma jirrizultax li huma sabu lit-tlett imputati fil-vettura. Iz-zewg imputati Joseph Cutajar u Kenneth Vassallo kienu qed jixtru minn hanut vicin ta' fejn il-vettura kienet parkeggjata filwaqt li Charlo' Cutajar kien fuq irkuptejh qiesu qed jaqfel il-lazz vicin il-vettura. Meta xehed Mario Meilaq, u cioe il-propjetarju tal-imsemmija vettura, waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2010 huwa fl-ebda hin ma identifika lit-tlett imputati bhala l-persuni li kien ra rekbin fil-vettura tieghu fit-triq li taghti ghal Wied il-Ghajn u meta huwa xehed quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali huwa qal li ma setghax jaghraf lit-tlett persuni li kien ra fil-vettura. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati kienu fil-pussess tal-vettura in kwistjoni fil-mument li huma gew arrestati u ghalhekk ma tistghax tigi applikata t-teorija tar-recent possession of stolen goods fil-konfronti taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

---

[3] Inseriti a fol.  77 sa 82 tal-arti prcesswali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------